MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1265/2000/1

**Citaz Nru: 1265/00 JA**

**Avukat Dottor Richard Galea Debono fil-kwalita' tieghu ta' Chairman ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni Tlemalta.**

**-vs-**

**Rosario Abela.**

**Il-Qorti;**

Rat r-rikors tas-socjeta' Maltacom plc., ta' l-20 ta' Gunju, 2000 li permezz tieghu talbet:

Illi l-kawza fl-ismijiet l-Avukat Dottor Richard Galea Debono nominee, kontra **(sic)**Raymond Fenech (Cit Nru: 827/92 JSP) giet deciza minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 t' Ottubru, 1992 u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni Telemalta, s-somma ta' Lm351.63 (tlett mija u wiehed u hamsin Lira u tlieta u sittin centezmu) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 520609, li kien installat fil-fond 26, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-socjeta' Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta' rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut hallas biss Lm65, u ghaldaqstant l-ammont dovut attwalment huwa ta' Lm286.63 (mitejn u sitta u tmenin Lira u tlieta u sittin centezmu) bhala sorte, Lm57.29 (seba' u hamsin Lira u disa' u ghoxrin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmakrkata Dokument "A", kif ukoll Lm183.44 (mija u tlieta u tmenin Lira u erba' u erbghin centezmu) imghaxijiet legali kkalkolati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, mit-12 ta' M[1]ejju, 1992 sat-12 ta' Gunju, 2000, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm411.48 (erba' mija u hdax-il Lira u tmienja u erbghin centezmu) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew iktar minn hames (5) snin u s-socjeta' esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap.12) tal-Ligijiet ta' Malta tilob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq premessi.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikata lill-intimat li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa’ kontumaci.

Semhet ix-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti.

Semghet lill-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw pruvati.

**Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet kollha tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotti fir-rikors bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------